# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa’ Legislatura

### *Laqgħa numru 77*

***5.00p.m 29 t’April 2024***

### *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | - Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | - Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | - Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Lia | - Kunsillier |

### *Assenti b’Apoloġija*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Colin Pace | - Kunsillier |

### *Assenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | - Kunsillier |
| Is-Sinjura Charmaine Aquilina | - Kunsillier |

### *Uffiċjal Preżenti*

| | |
|---|---|
| Edward Spiteri Audibert | - Segretarju Ezekuttiv |

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *77.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji*

77.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba raġunijiet personali.

## *77.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

77.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 74. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

77.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Gvern għamel Memorandum of Understanding mall-Kunsilli Lokali u l-Public Works sabiex huwa jgħin il-Kunsilli Lokali fi proġetti infrastrutturali fosthom dawk tal-bankini. Il-Kunsill tal-Marsa kellu pproġġettat li jirranġa tlett bankini fosthom dawk ta' Triq San Frangisk, Triq San Mikiel u Triq Qormi. Issa b'din l-MOU, il-Kunsill ikun jista' jwettaq dawn il-proġetti.

## *77.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

77.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri spjega li qed jirċievi diversi lmenti dwar l-istat ħażin li tinsab fiha Triq in-Nagħal hekk kif iddur ma Triq is-Serkin. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li hemm qbil ma Infrastructure Malta li propju din it-triq ssir, madankollu wieħed irrid jikkunsidra li din hija triq privata, u l-kuntrattur kien għamel biss xogħol ħafif ta' patching.

77.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa jekk permezz tal-MOU li għamel il-gvern jistgħu jsiru t-toroq bit-tarmak. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-quddiem il-Kunsilli ser ikunu ggwidati aħjar dwar x'jista' jsir b'dan il-fond, madankollu, patching ħafif hija possibilità.

77.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jixtieq jerġa jisħaq dwar il-ħtieġa li jsir l-laqgħat mall-Onorevoli Chris Bonett, mall-Onorevoli Miriam Dalli u ma Festivals Malta. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel perfettament ma din il-ħaġa.

## *77.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

77.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 03/2024 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il- Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *77.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

77.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' qed titlob li bħal snin preċedenti l-Kunsill jipprovdi servizz ta' fire engine għal waqt il-ħruq tan-nar. Qed jistaqsu wkoll jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklam fil-ktieb tal-festa li l-ħlas tiegħu huwa ta €300. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet fir-rigward, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

77.6.1.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l- Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed titlob li Triq Balbi tkun tista' tingħalaq għat-traffiku mis-Sibt 18 ta' Mejju sat-Tnejn 27 ta' Mejju. Triq is-Salib min fejn il-pompa tal-petrol sa Attard & Co tiġi ukoll pedonali bejn il-Ħamis 23 u t-Tnejn 27 ta' Mejju. Mill-Ħamis 23 sal-Ħadd 26 ta' Mejju talbu wkoll li ma jsirx parkeġġi ta' karozzi fi Triq Balbi mill-Jhansi Hall l-isfel u fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja. Minħabba l-ħruq tan-nar Upper Cross Road tkun mingħajr parkeġġ ukoll mit-22 sat-27 ta' Mejju 2024. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti dwar il-bżonn jew le ta' dan l-għeluq. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li l-armar jibda min kmieni matul il-gimgħa u meta jgħaddu l-karozzi dan ikun ta' periklu għad-diversi voluntiera li jkun hemm u għalhekk jixtieq li din it-triq tingħalaq biex tissalvagwardja l-ħajja tal-voluntiera. Apparti hekk il-Kunsillier saħaq li matul is-snin preċedenti jkun hemm ħafna ħsarat fuq l-armar u għaldaqstant dan l-għeluq huwa importanti bħalma jsir f'diversi lokalitajiet madwar Malta. Is-Sindu qal li f'din is-sitwazzjoni fejn hemm il-bżonn li l-Kunsill jissalvagwardja l-ħajja tal-voluntiera kif ukoll kull min juża t-triq qed jitlob li ssir laqgħa b'mod urġenti bejn il-partijiet kollha fosthom is-Supritendent, l-Għaqda tal-armar u l-Kunsill.

77.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Sinjura Anna Marie Vella qed titlob lill-Kunsill sabiex titneħħa sleeping police min Triq Stiefnu Zerafa hekk kif din qed tkun kaġun ta' storbju esaġerat. Is-Sindku spjega li jekk din ir-road hump ma saritx skont il-kriterji ta' Transport Malta ser ikollha titneħħa. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vit favur kien unanimu.

77.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irċieva ittra bl-avukat għan-nom tas-Sur Anthony Attard li joqgħod Triq Mattew Callus minħabba l-istorbju li jkun hemm madwar id-dar tiegħu minħabba tnabar u strumenti oħra li jkunu qegħdin jużaw l-iscouts group. Is-Sindku tenna' li huwa kuntent li l-iscouts qegħdin jużaw il-ground għaliex permezz t'hekk il-post huwa ħaj u attiv, madankollu, dwar ħsejjes hemm il-liġijiet tal-pajjiz li naturalment dawn għandhom jiġu osservati. Jekk persuni tħoss li d-drittijiet tagħha qed jiġu affetwati din tista' tirrikorri għand il-Pulizija. Is-Sindku saħaq li l-Kunsill huwa obbligat jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-post u mhux l-art . B'hekk il-Kunsill ser ikun qed iwieġeb din l-ittra b'ittra oħra mill-avukat. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

77.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kummisjoni Trinitarji fi ħdan is-Soċjeta' Trinita' Qaddisa qed jagħmlu reklamar fuq xi streamers u reklamar oħrajn li ser jittellgħu fuq il-midja soċjali relatati mal-attivitajiet tal-Festa. Il-prezz dovut huwa ta' €250. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *77.7 Maintenance Agreement Housing Estate Marija Reġina;*

77.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill Lokali tal-Marsa jrid ikollu stima professjonali dwar *Maintenance Agreement* għal housing estate ta' Marija Reġina. L-iskop li jkun hemm dan huwa sabiex ma jingħatawx ċifri mingħajr ma jkunu saru l-istudji neċessarji. Il-kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *77.8 Update fuq Ġnien Spencer;*

77.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal x-xogħol fuq Ġnien Spencer mexa sew ħafna, bi spiża totali ta' madwar tlett miljun ewro fuq tnax-il tomna art. Il-post ser ikun mgħammar b'toilets li magħhom ser ikun hemm attendant full-time. Il-pavimentar tal-post għaddej b'ritmu mgħaġġel u diġa' bdew jinstallaw id-dawl. Sadanittant, huwa mistenni li l-post jiġi inawgurat fil-bidu ta' Ġunju.

## *77.9 Bidla fis-Sistema tat-Telefon*

77.9.1 Is-Sindku s-Sur -Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill kien mitlub jagħmel bidliet fis-sistema tat-telefon mill-kumpanija GO. Madankollu, l-Kunsill ġie nfurmat li s-sistemi tat-telefon ser jinbidlu mid-Dipartiment fix-xhur li ġejjin u għaldaqstant il-Kunsill m'għandux għalfejn spejjez addizjonali. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *77.10 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv*

77.10.1 Is-Sindku s-Sur -Sur Josef Azzopardi spjega li s-Sur Edward Spiteri Audibert tefa' r-riżenja tiegħu bħala s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Is-Sindku ħa din l-opportunita' sabiex jirringrazzjah tax-xogħol li għamel matul din il-leġislatura. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *77.11 Approvazzjoni għall-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv*

77.11.1 Is-Sindku s-Sur -Sur Josef Azzopardi qal li bi pjaċir jixtieq iressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lis-Sinjura Mariella Strout sabiex fl-assenza ta' Segretarju Eżekuttiv, hija tkun qed tokkupa l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill ser ikun qed jassigura li matul il-ġimgħat li ġejjin toħroġ vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv għal Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *77.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

77.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Mejju fl-5.00pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Segretarju Eżekuttiv